MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 196/2012

Fl-atti tal-kawza numru 860/98GC deciza fis-16 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet:

Id-Direttur tal-Kuntratti u Chairman, Malta Development Corporation
vs
Joe Spiteri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tad-Direttur tal-Kuntratti li permezz tieghu espona:

Illi permezz ta' sentenza moghtija fis-16 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet, **"Id-Direttur tal-Kuntratti u Chairman, Malta Development Corporation vs Joe Spiteri** (Citazzjoni Numru 860/98GC), kopja ta' liema giet annessa fir-rikors u mmarkata bhala Dok. 'DK1', ir-rikorrent gie kanonizzat kreditur ta' l-intimat fl-ammont

komplessiv ta' **<u>Lm4267.25, illum ekwivalenti ghal €9,940.02</u>** u kif ukoll, bl-imghax legali u bl-ispejjez tal-kawza;

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat biex ihallas diversi drabi inkluz bl-ittra ufficjali 1279/2011 huwa baqa' inadempjenti;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew iktar minn ghaxar snin u ghalhekk ir-rikorrent jehtieg il-permess ta' din il-Qorti sabiex is-sentenza fuq imsemmija tkun tista' terga' tigi reza ezegwibbli;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex a tenur ta' l-**artikolu 258(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** terga' taghmel ezegwibbli s-sentenza moghtija fis-16 ta' Novembru, 2001 fl-ismijiet **Id-Direttur tal-Kuntratti u Chairman, Malta Development Corporation vs Joe Spiteri** (Citazzjoni numru 860/98 GC);

Bl-ispejjez kontra l-intimat Joseph Spiteri.

Rat id-dokument prezentat mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Joseph Spiteri li biha espona:

1. Illi diment li r-rikorrent Direttur tal-Kuntratti josserva r-rekwiziti mposti mill-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, it-talba tieghu ghandha biss tinlaqa' [*recte* tintlaqa'] <u>parzjalment</u>, in kwantu l-istess rikorrent ghandu d-dritt biss li jezigi <u>nofs</u> l-ammont kanonizzat permezz tas-sentenza citata minnu, *stante* li l-istess sentenza ma kkoncedietx il-beneficcju tas-solidarjeta` lill-atturi f'dik il-kawza, u *stante* li skont l-Artikolu 1090 tal-Kodici Civili, is-solidarjeta` ghandha tkun imfissra espressament sabiex titqies li tezisti.

2. Illi l-intimat m'ghandux ibati spejjez, *stante* li din il-procedura saret mehtiega biss ghaliex ir-rikorrent halla z-

zmien akkordat lilu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza jghaddi inutilment.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat in-nota tad-Direttur tal-Kuntratti tat-23 ta' Ottubru, 2012.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Katrina Borg Cardona *Chief Officer* mal-Malta Industrial Parks Limited b'responsabbilita` ghall-ufficcju legali u li ilha impjegata mal-Malta Industrial Parks. Precedentement kienet impjegata mal-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta (MDC). Semmiet li fl-1992 il-Gvern kien ghadda f'idejn l-MDC ir-responsabilita` ta' l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet – principalment l-oqsma industrijali tal-Gvern. Dan sar bis-sahha tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169). Kif sehh dan, minbarra li l-MDC bdiet tiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-fabbriki in kwantu jirrigwarda kirjiet, bdiet ukoll tiehu hsieb appalti pubblici relatati mal-istess proprjetajiet. Ziedet li bl-emendi li saru fl-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, permezz tal-Att III ta' l-2004, kull jedd jew obbligu li kien jispetta lill-MDC fir-rigward ta' xi artijiet ghandu jvesti f'dik l-awtorita` li ghandu jsemmi l-ministru responsabbli bhala l-awtorita` minflok l-imsemmija Korporazzjoni.

Permezz ta' l-Avviz Legali 360 ta' l-2004, il-Ministru responsabbli semma lil Malta Industrial Parks Limited bhala l-awtorita` kompetenti u permezz ta' l-Avviz Legali

361 ta' l-2004 ghadda lill-istess socjeta`, bhala l-awtorita` kompetenti, l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet ossia oqsma industrijali. Tali responsabbilitajiet jestendu anke ghal jeddiejiet litigjuzi. Ghalhekk is-socjeta` Malta Industrial Parks Limited assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-MDC fir-rigward tal-kuntratti li kienu saru ma' Joseph Spiteri u li minn ricerka li ghamlet irrizultalha li ma sar l-ebda pagament lill-MIP da parti ta' l-istess Spiteri skond kif ordnat fis-sentenza fl-ismijiet "**Direttur tal-Kuntratti *et vs* Joseph Spiteri**".

Xehed Dr. Franco Agius u rrefera ghas-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2001, fejn kien hemm id-decizjoni dwar l-ammont ta' *four thousand two hundred and sixty seven point twenty five* (4,267.25) ekwivalenti ghal *nine-nine-four-zero point zero-two* (9940.02) dovuti minn Joseph Spiteri. Zied li sal-gurnata tal-lum ghadu ma sar l-ebda hlas. Hu pprezenta kopji ta' ittri li baghtu lis-Sur Spiteri fejn talbuh l-ammonti. Semma li qed jidher ghad-Direttur tal-Kuntratti u li m'ghandux x'jaqsam mac-Chairman tal-Malta Development Corporation.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Rat is-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2001 moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef Dr. Gino Camilleri. F'dik is-sentenza l-istess konvenut Joseph Spiteri kien gie kundannat ihallas is-somma ta' erbat elef mitejn sebgha u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu in linea ta' danni u dan bl-imghaxijiet kollha legali mid-data ta' dik is-sentenza u dan wara li cahdet l-ecezzjonijiet tal-konvenut u ddikjarat lill-konvenut inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu u li kien responsabbli ghall-hlas lill-atturi tad-danni sofferti.

Fil-kaz in ezami l-intimat mhux qed jghid li gja hallas jew li m'ghandux ihallas izda jibbaza r-risposta tieghu fuq l-art 1090 tal-Kodici Civili dwar is-solidarjeta`. Izda l-artikolu 258 tal-Kap 12 isemmi dwar l-ezegwibilita` ta' sentenza wara l-eghluq ta' ghaxar snin (10) minn dakinhar imsemmi fl-artikolu 258(a). Fil-fatt ma hemm ebda prova li d-Direttur tal-Kuntratti u l-Malta Industrial Parks Limited

huma kredituri solidali u l-artikolu 1089 tal-Kap 16 jipprovdi li:
“Ma jitqiesx li hemm solidarjeta`. Jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi, ghandha tkun miftiehma espressament.”

Hadd mill-atturi originali ma jista’ jitlob il-hlas tas-somma shiha meta jigi ghall-ezekuzzjoni izda din il-Qorti qed tawtorizza l-ezekuzzjoni ta’ sentenza kif imsemmi fl-artikolu 258 u certament li ghal dak li jikkoncerna l-Malta Development Corporation ossija l-Malta Industrial Parks Limited irid isir ir-rikors appozitu taht il-Kap 12 artikolu 259(4) u dan minhabba li l-imsemmija entita` mhix parti minn dan il-procediment.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi fuq imsemmija l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet sollevati u tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent. Tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza 860/98GC tas-16 ta’ Novembru, 2001.

Spejjez kontra l-intimat ghax kien hu li naqas milli jhallas is-somma hemmhekk indikata ta’ Lm4,267.25, illum ekwivalwenti ghal €9,940.02.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------